MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-31 ta' Dicembru, 2010

Numru 1455/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**
**VS**
**ADAM HASAN ABUBAKER**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Adam Hasan Abubaker ta' 31 sena, iben Adam Hasan u Hadija, imwieled Sudan fid-9 ta' Novembru 1979, residenti Safi Detention Centre u detentur tan-Numru tal-Pulizija 06G-004.

Illi huwa akkuzat talli fis-snin ta' qabel it-30 ta' Dicembru 2010 f'dawn il-Gzejjer harab minn post ta' kustodja ai

termini ta’ l-Artikoli 151 u 160 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fit-30 ta’ Dicembru 2010 u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer:

1. Ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra (Art.3 (b) tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta);
2. Ghamel uzu, jew ittenta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra (Art.4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta);
3. Dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghall-finijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni, ta jew gieghel li jinghata xi prospett falz (Art.32 (1)(c) tal-Ligijiet ta’ Malta);
4. Minghajr awtorita’ legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg ghall-finijiet ta’ l-Att dwar l-immigrazzjoni (Art.32 (1) (f) tal-Ligijiet ta’ Malta);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Adam Hasan Abubaker**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 3 (b) u 4 tal- Kap 61, Artikolu 32 (1) (c) (f) tal- Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artiklu 28 A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2)

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u in vista tal-fatt illi huwa *a first offender*. Taht dawn ic-cirkostanzi, l-Qrati Maltin mhux solitu illi jaghtu kundanna ta' inkarcerazzjoni fuq dawn it-tip ta' akkuzi, izda jaghtu piena alternattiva. Piena karcerarja, fil-kaz odjern u fic-cirkostanzi fuq indikati, tista' tigi interpretata bhala diskriminazzjoni abbazi ta' l-*istatus* u r-razza ta' l-imputat, diskriminazzjoni li certament ma tistghax tigi imposta minn ebda Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------